# Kunsill Lokali Ħal Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290 Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt Web Page : www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tnejn u tletin (32) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS), li nżammet nhar l-Erbgħa, 1 ta' Lulju, 2009 fis-6:00pm fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Deputat Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Pietru Pawl Busuttil **ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Fil-bidu ta' din il-laqgħa kienet **preżenti l-avukat tal-KLĦS, Dr Charmaine Cherret LL.D.** Hija aġġornata il-KLĦS billi qalet li bagħtet ittra lil Jason Cutajar u tat kopja tagħha lill-avukat tiegħu, Dr Montalto. Hija wriet it-tħassib tagħha għaliex s'issa għadna ma ħadniex risposta bil-miktub. Informalment hija kellmet lil Dr Montalto u dan l-avukat qalilha li Jason Cutajar ammetta u jrid iħallas. L-avukat qalilha illi Cutajar lest li joffri €15,000 mill-ewwel u l-kumplament jaqtagħhom ftit ftit bi ftehim mal-KLĦS. Dr Cherret ipproponiet illi terġa' tiktiblu għal darb'oħra sabiex dak li qalilha Dr Montalto jiktibuhulna iswed fuq l-abjad. Hija qalet li l-avukat qalilha li bħalissa minkejja r-rieda tiegħu li jħallas, Cutajar huwa magħfus u ma jistax iħallashom kif ġieb u laħaq minkejja li reġa' tenniela li Jason Cutajar vera ħadhom u għandu l-intenzjoni li jħallas. Dr Montalto qal lil Dr Cherret illi jekk se jibqgħu isiru l-investigazzjonijiet għandu jsir ftehim komplut fuq dak kollu li jinstab.

3. **Pietru Pawl Busuttil** qal illi hu **ma jaċċettax** din is-somma miżera u jesiġi li Jason Cutajar iħallas fi żmien sitt ijiem l-ammont ta' circa €7,000 għall-kumplament tas-sena 2008 (ta' qabel), €30,000 mill-ewwel u l-ispejjeż ta' l-avukat u l-awditur. Hu saħaq li l-kumplament ikoprihom fi żmien sena.

4. Jimmy Busuttil fakkar lill-avukata biex tagħtina stima kemm tiġina biex **infittxuh privatament.** L-avukat qalet li se tivverifika mal-prokuratur legali (minkejja li issa hemm imdaħħla l-pulizija). Infatti Jimmy Busuttil staqsa x'hemm bilanċi ta' flus fil-Kunsill (is-DSE se jipprovdi l-bank statements aġġornati sa l-aħħar ta' Ġunju hekk kif ikunu disponibbli) biex nikkunsidraw kollox qabel ma tittieħed id-deċiżjoni li nidħlu għal din il-kawża. Jimmy Busuttil qal illi huwa jifhem li kawza l-Qorti teħodna fit-tul, madankollu wieħed irid jikkunsidra l-possibilitajiet kollha.

5. Eddie Bonello staqsa jekk nistgħux nagħmlu **granzija bankarja** lil Jason Cutajar. Għal liema proposta l-avukata qalet li l-KLĦS ftit jista' jibbenefika minn xi ħaġa bħal din għaliex biha mhux se jdaħħal l-ammonti li hemm misapproprijati.

6. L-avukat Cherret qalet illi l-mod kif l-Ispettur ħareġ **l-akkuża għall-kawża kriminali** huwa tali illi jkopri perjodu divers. Dwar din il-kawża, Dr Cherret qalet li l-Maġistrat huwa Dr Antonio Micallef Trigona u mhux Dr Edwina Grima kif imsemmi fil-minuti preċedenti. Dr Cherret qalet illi l-fatt li Jason Cutajar ħallas parti biss, mhux se jkun meqjus ta' benefiċċju għalih, għaliex żviluppa ammont ieħor li għadu pendenti.

7. Pietru Pawl Busuttil tkellem dwar **l-imgħax fuq l-ammonti pendenti** liema ammonti jammontaw sostanzjalment. Huwa qal li l-Kunsill għandu jara li jibda' jdaħħal l-ammonti dovuti lilu bis-serjeta'. L-avukata qalet li kulħadd huwa konxju illi jekk se tinfetaħ il-kawża, se jkun hemm somma sħiħa li tiddekorri bl-imgħax u l-ispejjeż legali b'kollox. Pietru Pawl Busuttil temm jgħid li hu jinsisti illi l-Kunsill għandu jitlob dak kollu li ppropona hu billi nerġgħu niktbulu u nagħtuh sa nhar it-8 ta' Lulju, 2009 biex iwieġeb, ħalli l-Kunsill jitlaqqa' l-għada fis-6:00pm ħalli jieħu deċiżjoni. Dr Cherret ħarġet mil-kamra tad-diskussjoni fis-18:40hrs.

8. Il-minuti kienu **approvati u ffirmati** b'xi korrezzjonijiet li saru dak il-ħin u dawn kienu l-punti li ħarġu minnhom.

9. Dwar il-**kontijiet pendenti ma' Polidano Bros**, se naraw kemm għandna nagħtuh f'manutenzjoni ta' toroq li saret ix-xitwa li għaddiet. Hawn intqal illi s'issa diġa' tajnieh €32,000 u qed isostni li għandna nagħtuh madwar €7,000 oħra, liema ċifri għandna nikkonfermawhom minn naħa tagħna.

10. Il-Kunsill Lokali Ħal Safi approva t-talba li se ssir lill-Gal Xlokk biex jaċċettawna f'dan il-***Local Action Group*** biex nippruvaw nittappjaw fondi mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sindku tkellem dwar din il-proposta ta' tisħib fi ħdan il-grupp li riċentement daħlu fih Ħal Qormi u l-Qrendi. Is-Sindku qal li huwa bagħat *e-mail* lill-Onor George Pullicino u oħra lill-Onor Austin Gatt biex jgħinuna fil-proġett ta' **kisi ta' sqaq il-Karwija**. L-Onor Gatt irrispondiena illi ma jistax jilqa' t-talba tagħna minħabba r-riżorsi limitati li għandu għal benefiċċju tiegħu, filwaqt illi L-Onor Pullicino qabbad lill-Uffiċjal Carmelo Abela biex iwiġibna. Dan minn naħa tiegħu ta parir lis-Sindku sabiex il-Kunsill Lokali Ħal Safi jissieħeb fil-GAL Xlokk filwaqt li wiegħed li jiġi jara din it-triq. Dwar din it-triq Jimmy Busuttil qal li jekk ma naslux li nasfaltawha, l-KLĦS għandu jikkunsidra illi jirranġaha, filwaqt li hu mhux ta' l-ideja li nagħtuha żewġ pulzieri (ħxuna) tarmak għaliex bil-vetturi tqal tal-bdiewa u l-ilma tax-xita li jinżel, din żgur li tinqala' fi ftit xhur. Sadanittant Pietru Pawl Busuttil qal illi l-agħar parti tagħha nistgħu niksuha għaliex xi ħadd aċċetta li jmur għandu l-ilma tax-xita li qabel kien iżomm f'magħqad. Dwar dan l-isqaq ikkummentaw il-kunsillieri illi minkejja li qed jitnaddaf mill-ħaddiema tal-Gvern, ix-xogħol qed isir bil-mod ħafna. Intant illum kien inawgurat in-**Network għall-Iżvilupp Rurali għal Malta**, liema rappreżentant għal din il-konferenza ta' ġurnata kien id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Huwa ipprovda d-dokumentazzjoni kollha lill-Kunsill, li ingħatat waqt din il-konferenza organizzata mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fejn

matulha d-diskussjoni kienet ibbażata fuq il-miżuri (applikazzjonijiet f'postijiet rurali) kollha li hemm taħt dan l-*Axis* inkluż il-*Local Action Groups*.

11. **Se nibgħatu *reminders*** lil dawk kollha li ktibnielhom u għadna mingħajr risposta qabel ma l-KLĦS se jikteb lill-Onor Chris Said u jinfurmah illi l-Kunsill qed jiġi injorat minn dipartimenti, aġenziji u awtoritajiet. Fosthom hemm l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, il-MEPA u Heritage Malta.

12. Dwar l-**għalliem tal-ġinnastika** se naraw jekk tahiex riċevuta lil dik il-persuna li qalet li hija ħallset aktar milli suppost. Dak il-ħin stess l-iskrivana ċemplet u kien konfermat illi t-tifla/tfal tagħha jmorru jipprattikaw dan l-eżerċizzju fiżiku fiċ-ċentru tiegħu tal-Mosta u rrifjutat li tesebixxi r-riċevuta għaliex l-għalliem jista' jkun jaf bl-identita' tagħha u jiddiskrimina kontra wliedha. Sadanittant is-Sur Degiorgio talab il-ħlas tiegħu li kien miżmum mill-KLĦS għax-xhur April – Ġunju 2009. Dan kien mgħoddi unanimament mill-kunsillieri waqt din is-seduta. Il-kunsillier Francis Callus issuġġerixxa illi biex l-istudenti jħallsu għat-taħriġ, għandhom jippreżentaw r-riċevuta tal-ħlas li jkun sar għax-xhur ta' qabel, ħalli niżguraw illi ma jkunx hemm differenzi fl-ammonti. Għal dan is-suġġeriment intqal illi ħafna mill-ġenituri lanqas iżommuha r-riċevuta kif fil-fatt m'humiex obbligati jagħmlu, wara diversi jiem. Se jiġu mplimentati eżerċizzi ta' *cost cutting* fi spejjeż ta' l-airconditioners billi fil-fatt jiġu skonnettjati xi wħud minnhom.

13. Il-KLĦS se jikteb lil Kap ta' l-Iskola u jinfurmaha illi ġew approvati €500 biex fil-fatt **jintużaw erba' klassijiet għall-użu tal-Kunsill** biex tinżamm skola sajf. Dan se jsir qabel ma tispiċċa l-iskola u l-ħlas isir wara li tintemm l-attivita'.

14. Dorianne Zammit qalet illi jinħtieġ li jinxtara ***Uninterrupted Power Supply*** sabiex meta jinqata' l-kurrent elettriku ma jintilifx dak kollu li jkunu ħadmu fuqu l-iskrivani kif fil-fatt ġara din il-ġimgħa.

15. Se nindagaw aktar fuq min wettaq ħsara b'**kollużjoni bil-vettura** fuq is-siġra taż-żebbuġa li tinsab fil-Pjazza. Dan se jagħmlu s-Sindku li se jċempel l-Għassa taż-Żurrieq biex naraw jagħtuniex xi ħjiel dwar dan l-aċċident.

16. Għadna nistennew l-approvazzjoni tal-MEPA biex inċaqilqu l-**kabina tat-telefon** li xi kunsillierii staqsew għal aktar tagħrif dwar din il-proposta tal-Kunsill.

17. Minkejja li il-Perit Silvio Farrugia ċempel u m'għadda xejn formalment dwar ir-***road hump* ta' Triq il-Puniċi**, il-Kunsill ta l-inkarigu lis-DSE sabiex niktbulu u ngħidulu li din il-**hump** mhix qiegħda hemm biex tillimita l-veloċita' iżda biex tiddirezzjona l-ilma ħalli dan ma jidħolx fi triq li tagħlaq.

18. Se naraw min jagħmel **it-tabelli bil-kliem imħaffer fihom fuq il-perspex** biex jitwaħħlu mal-postijiet storiċi. Se naraw ukoll min kien għamel il-mappi ta' Ħal Safi f'postijiet pubbliċi filwaqt li nitolbu sponsor lil Bank of Valletta. Sadanittant

kienet irrappurtata t-tabella tal-Merħba li tkissret fi Triq San Ġwann. Din se ssir mill-ġdid wara li se jintalab **sponsor lill-HSBC**. Is-Sindku se jkellem lil familja biex tagħtina permess li jitwaħħal ***notice board*** quddiem il-faċċata tad-dar tagħha fiċ-ċentru. Se niktbu lil **Pawlu Callus biex nistednuh li ssir heritage trail** għal benefiċċju tat-turisti li jżuru Ħal Safi.

19. Dwar it-**tankijiet** li ħareġ resident fi Pjazza San Mattew, ġie deċiż illi niktbu lill-Ispettur fl-Għassa taż-Żurrieq u ninfurmawh b'dan l-inkonvenjent sabiex jitneħħa.

20. Se nitolbu stima lill-**Agius Marbles** ta' Valletta Road, Mqabba sabiex isir ir-restawr fuq l-istatwa u n-niċċa ta' San Ġużepp. Dan issuġġerih Publius Abdilla għaliex inkella hemm il-biża' li jintilef l-isponsor tal-HSBC.

21. Is-Sindku qal li għada fil-għodu se jibgħat il-ħaddiema jaraw ir-**rampa qawwija** li hemm fi **Triq Salvu Cauchi** ħalli jneħħuha u jneħħu l-periklu. F'din is-seduta intqal li l-aħjar li jsir hu li titmewwet il-kurduna tal-bankina.

22. Se nagħmlu kuntatt mal-Perit Robert Musumeci ħalli dan imur on-site biex naraw tistax timmaterjalizza l-proposta tagħna illi l-**ilma tax-xita ta' Triq il-Karwija** jmur f'ġibjun taħt l-ajruport. Jekk id-diżinji jintlaqgħu mill-*Malta International Airport,* u din tibda' tintuża għall-irrigazzjoni mill-bdiewa, hemm ċans li nibbenefikaw minn miżura li se toħroġ dal-waqt fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali bil-possibilta' li nibbenefikaw minn fondi ewropej.

23. Il-KLĦS għażel lil dawn l-**għalliema biex iservu fi skola sajf**: Pasqalia Schembri, Christabel Zammit, Annabelle Callus u Patricia Spiteri. F'każ li xi ħadd minn dawn ma jkunx jista' jservi, se jkun avviċinat Jorge Spiteri. Bħala ***Learning Support Assistants*** se jkun hemm Marisa Cassar, Elena Grech, Clementine Dalli, Cherise Attard, Franco Cassar Manghi, Joanne Busuttil, Francesca Attard u Ylenia Cachia. Għal skola sajf applikaw tmenin tifel u tifla. Il-*learning support assistants* se jagħtu sehmhom xahar kull wieħed. Dan se jkun komunikat lilhom għada permezz tat-telefon mill-uffiċċju peress li m'għadx fadal żmien. Eddie Bonello qal li għandna nagħtu ċans li nippruvaw persuni li għadhom qatt ma servew f'din l-iskola sajf.

24. Fi ħwejjeġ oħra, Pietru Pawl Busuttil qal li peress illi issa Dorianne Zammit bdiet b'nofs ta' nhari, jaqbel illi nagħtu ċ-**ċwievet ta' l-uffiċċju lid-DSE**. Intlaħaq qbil illi Doris Baldacchino se tibda tidħol f'ħinijiet wara nofs in-nhar u għal dan il-għan se nagħmlu avviż bil-ġranet u l-ħinijiet ħalli l-pubbliku jkun jista' jinqeda'.

25. Pietru Pawl Busuttil qal li għandna **nieħdu l-proposta tagħna lill-MEPA** ħalli nippruvaw inġibu l-fondi mill-**Fond għat-Titjib Urban**. L-istima tal-perit hija ta' €67,000 biex isir l-embellishment ta' Misraħ San Ġużepp. Għal dan il-għan trid toħroġ offerta pubblika minkejja li nqalgħet diffikulta' fuq il-pakeġġ. Hawn kien hemm fehmiet differenti fost il-kunsillieri jekk għandniex nissottomettu applikazzjonijiet ġodda lil MEPA li ma jmurx nibqgħu mingħajr fondi tal-UIF

għax ma nkunux imxejna rigorożament mal-pjanti. Għaldaqstant se nerġgħu inkellmu lil Perit Musumeci ħalli jattendi l-laqgħa tal-KLĦS illi jmiss. Issemma' li f'dan is-sit diġa' kien inqala' l-istage tat-trasport pubbliku u anke r-rampa minħabba każ umanitarju. Francis Callus oġġezzjona għal din il-pjanta u ddiżassoċja ruħu minnha.

26. F'punti oħra intqal illi fi **Triq San Tumas**, fejn hemm dar li hu maħsub li se tinħatt fil-jiem li ġejjin, hemm **sinjali tat-toroq x'jitneħħew** u U-shape barrier man-naħa tal-MUSEUM.

27. Il-laqgħa ntemmet fit-20:30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 9/7/09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku.